**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 4 ta' Frar 2016**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 5/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Angelo Bilocca**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fis-26 ta' Marzu 2015 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat.

**2.** Angelo Bilocca kien akkużat permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Jannar 2013 (nru 5/2013) li, reċidiv f'dellitt, bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew

jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta;

**3.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu ppreżentat fis-6 ta' April 2015, l-akkużat talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet immarkati numri 7, 9, 12 u 13 u tħassar l-istess sentenza fil-konfront ta' l-eċċezzjonijiet kollha għajr għal dawk irtirati [l-ewwel u t-tielet], u minflok tilqa' dawn l-istess eċċezzjonijiet u tgħaddi sabiex tagħti dawk id-direttivi neċessarji, u dan a tenur ta' l-artikolu 499(6) tal-Kodiċi Kriminali;

**4.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fis-6 ta' Frar 2013 l-akkużat appellant eċċepixxa, f'dawk l-eċċezzjonijiet deċiżi li minnhom qiegħed jinterponi appell, u cioe` fit-tieni, fir-raba', fil-ħames, fis-sitt, fit-tmien, fl-għaxar u fil-ħdax-il eċċezzjonijiet tiegħu:

> "(2) Id-difiza titlob l-isfilz taz-zewg statements ta' Adamo Agayoko datat 13 ta' Lulju, 2010 mmarkat bhala dok NG9 u dak datat 14 ta' Lulju, 2010 mmarkat bhala dok NG10, iz-zewg statements ta' Abdulazizi Seven datati 13 ta' Lulju 2010 mmarkat bhala dok NG11 u dak datat 14 ta' Lulju 2010 markat bhala dok NG12 u l-istatement ta' Musa Sangare datat 14 ta' Lulju 2010 markat bhala dok 15 u dan ghaliex huma statements ta' nies li kienu originarjament akkuzati mal-imputat izda llum l-imputat jinsab akkuzat wahdu u ghalhekk tali statements ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu u m'ghandhomx jibqqghu jifformaw parti minn dan il-process.
>
> "<u>L-artikolu 661</u> jipprovdi li 'konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmliha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.' Is-subartikolu (3) tal-artikolu 639 qabel ma gie emendat bl-artikolu 21 tal-Att XVI tal-2006 kien jipprovdi hekk: 'Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138, ikun il-konplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.'
>
> "Bla pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll li jirrizulta mill-process li dawn l-istess barranin ma jifhmux il-lingwa Maltjia tant li f'numru kbir ta' seduti gie nominat interpretu sabiex jassistihom waqt il-gbir tal-provi pero' ma jirrizultax li kien gie nominat sabiex jassistihom sabiex jirrilaxxjaw l-istqarrija taghhom li hija bil-lingwa Maltija u ghalhekk zgur li giet rilaxxjata bl-ghajnuna ta' terzi mhux maghrufa.

"In oltre jirrizulta li fil-mori tal-kawza kien gie nominat Dr. Joe Mifsud sabiex jaghmel traduzzjoni tal-istatements ta' Adama Bagayoko, Abdulazizi Seven u Musa Angare u dan mil-lingwa Ingliza ghal lingwa Maltija pero' hawn hekk ghal darb'ohra ir-rikorrenti isostni li tali dokumentazzjoni ma ghandhiex tibqa' esebita fl-atti u dan ghaliex ma tikkostitwix prova fil-konfront ta' l-imputat stante li dawn kienu ko-akkuzati tieghu u ghalhekk semmai ghandhom jintuzaw mill-prosekuzzjoni sabiex jiggwidaw lil dawn l-istess xhieda una volta jitressqu jixhdu fil-guri li ghad irid jigi appuntat. In oltre qed jigi rilevat ukoll li Dr. Joe Mifsud ma ghandu l-ebda hila specjali sabiex jaghmilha ta' interpretu ghaliex kwalifiki ta' servizz ta' interpretu jew lingwista ma ghandux zgur u ghalhekk in-nomina tieghu tmur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 650(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

"(4) Id-difiza titlob l-isfilz tax-xhieda moghtija minn PS1098 Anthony Scerri, PS 165 Jason Gilson nhar id-19 ta' Mejju, 2011 u dan ghaliex dak li saru jafu minn nies li ghamlu r-rapport jikkostitwixxi hearsay evidence fil-konfront tal-imputat u tali xhieda ghandha tigi konfermata minn dik il-persuna li setghet irrilaxxjat l-informazzjoni li fuqha hadmu l-pulizija u f'certu parti ohra hija ukoll inkriminanti fil-konfront tal-imputat u minhabba dak li gie diskuss fil-paragrafu qabel dan dak ir-ragunament ghandu japplika ukoll fil-konfront ta' dawn ix-xhieda. Dan japplika wkoll ghax-xhieda ta' l-Ispettur Nezren Grixti tat-28 ta' Lulju 2010 fejn id-difiza qed titlob l-isfilz taghha;

"(5) Id-difiza titlob l-isfilz tad-dokumenti esebit waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2010 u cioe' il-komparixxi u speci ta' sentenzi moghtija mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace fil-konfront ta' Burema Sidibe u Dosina Brayou stante li dawn huma irregolari u mhux skond il-ligi;

"(6) Id-difiza titlob l-isfilz tal-istatement ta' Dasina Brayou datata 14 ta' Lulju 2010 mmarkata bhala dok NG5 u dik ta' Burema Sidibe datata 13 ta' Lulju 2010 mmarkata bhala dok NG6 peress illi l-allegati sentenzi li nghataw fil-konfront ta' Burema Sidibe u Dasino Brayou la ghandhom l-akkuzi miktuba fis-sentenza u lanqas referenza ghall-artikoli tal-ligi li tahthom gew akkuzati u zgur li tali dokumentazzjoni ma tirriflettix sentenza tal-Qorti u mhix konformi mad-dettami tal-Ligi. In oltre ma jikkostitwixxu l-ebda stat fil-konfornt tal-imputat odjern;

"(8) Id-difiza titlob l-isfilz tar-rapport ta' PS612 Theo Vella a fol 259 tal-atti peress li dan l-espert ma kienx gie nominat minn Qorti jew fl-atti tal-inkjesta izda biss bhala parti minn Police Work kif del resto jirrzulta mill-kopertura tal-istess dokument u ghalhekk tali prova hija biss ex-parte u mhix ammissibli fi proceduri penali u ghalhekk kwalsiasi referenza ghal tali dokument hija wkoll irregolari u ghandha tigi skartata.

"(10) Id-difiza titlob l-isfilz tar-rapport ta' Martin Bajada l-ewwel lok ghaliex ma jirrizultax mill-atti l-inkarigu li huwa inghata u meta effettivament inghata jirrizulta biss li nhar il-5 ta' Mejju 2011 l-inkarigu tieghu kien gie estiz pero' x'kien dan l-inkarigu originali ma jirrzultax u fit-tieni lok il-ligi fl-artikolu 650(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tehtieg li jigi nominat espert bil-hila u t-teknika specjali u fil-fatt ma jirrizultax li din il-persuna ghandha xi specjalizzazzjoni fit-

telekomunikazzjoni u fil-fatt kif jghid hu stess li huwa hadem fuq id-dokumenti li gew moghtija lilu minn rapprezentant tal-Vodafone. Fuq domandi tal-Qorti stess ma jirrizultax li tali xhud kienet awtorizzata minn xi pulizija jew Qorti sabiex tirrilaxxja tali dokumentazzjoni u dan sar b'abbuz u ghalhekk dan l-allegat espert hadem fuq dokumentazzjoni li giet moghtija lilu b'mod irregolari;

"(11) Id-difiza titlob ukoll li x-xhieda tax-xhud barrani Dasina Brayou illi xehed tigi ukoll sfilzata u dan ghaliex id-difiza talbet sabiex taghmel il-kontro ezami taghhom u dan fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2012 u ghaliex ma dehritx id-difiza f'okkazjoni wahda ghal seduta wahda il-Qorti dehrilha li kellha tiddikjara l-provi maghluqa (bla ma id-difiza irrinunzjat ghal tali xhieda) u tmexxi minghajr tali kontro ezami u dan minkejja li l-Avukat Generali talab li dawn ix-xhieda jitressqu ghal kontro ezami permezz ta' tlett rinviji u cioe' nhar l-20 ta' Gunju 2012, l-1 ta' Awwissu 2012 u fis-26 ta' Settembru 2012".

Ir-referenza għall-artikoli 24(1) u 29 tal-Kap. 33 fir-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża huma superfluwi in kwantu jikkontemplaw reati estraneji għall-Att ta' Akkuża".

**5.** Din il-Qorti sejra issa tirreferi għall-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata li tagħhom l-appellant qiegħed jitlob ir-revoka:

"Rigward it-tieni eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz ta' zewg statements ta' Adamo Bagayoko, iz-zewg statements ta' Abdul Azizi Seven u l-istatement ta' Musa Sangare u dan il ghaliex huma statements ta' nies illi kienu originarjament akkuzati mal-akkuzat u ghalhekk tali statements ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu. Il-Qorti tirrileva illi dawn il-persuni huma indikati bhala xhieda fejn allura jaghtu d-depozizzjoni taghhom viva voce. Jekk din id-depozizzjoni tkun differenti minn dak illi originarjament qalu fl-istqarrijiet allura f'dan il-kaz l-istqarrijiet jistghu jservu ta' kontroll fejn ix-xhieda jkunu infaccjati ma' xi dikjarazzjonijiet illi jkunu qalu qabel u jispjegaw u jaghtu sodisfazzjon ghad-differenza, jekk ikun il-kaz. L-istqarrijiet bhala tali pero` ma jinghatawx lill-gurija izda kif inghad, qeghdin hemmhekk biex iservu ta' kontroll ghall-istess xhieda tal-persuni li jkunu ghamlu l-istatement originarjament. Ghalhekk f'dan is-sens l-istatements ghandhom jibqghu fil-process. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat jaghmel riferenza ghas-sub artiklu 3 tal-artikolu 639 qabel ma gie emendat bl-artikolu 21 tal-Att XVI/2006. Din il-Qorti ma tafx ghaliex l-akkuzat ghamel riferenza ghal artikolu skadut. Meta sar dan ir-reat allegatament fit-tlettax (13) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) l-artikolu msemmi f'din l-eccezzjoni kien diga` emendat u llum xhieda ta' komplici meta jkun l-unika xhud kontra akkuzat tista' taghmel stat basta l-Qorti tirrileva l-"caveat" tal-kawtela qabel ma l-gurati jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.

"Rigward il-lingwagg uzat biex isiru l-istqarrijiet dejjem kien hemm interpretu biex jassistu lill-persuni waqt l-istqarrija. Ma jidhirx illi hemm xi diffikulta` ghat-traduzzjoni peress illi mhuwiex difficli ghalina naghmlu traduzzjoni mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija. Hija prassi komuni fil-qrati taghna illi meta jkollna diffikulta` fil-lingwa bejn il-Malti u l-Ingliz u vice versa jigi nominat avukat biex

jassisti lill-persuna fit-traduzzjoni tal-lingwa u qatt hadd ma jiddubita l-kompetenza ta' avukat illi jista' jaghmel traduzzjoni bhal din. Ghalhekk in-nomina ta' Dottor Joe Mifsud biex jaghmel traduzzjoni tal-istqarrijiet mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija hija wahda regolari u din it-traduzzjoni tista' tintuza ghall-fini ta' kontroll, kif inghad fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet ta' din it-tieni eccezzjoni. Ghalhekk il-Qorti qieghda tichad din it-tieni eccezzjoni.

"Rigward ir-raba' eccezzjoni d-Difiza qieghda titlob l-isfilz tax-xhieda moghtija mill-Ispettur u pulizija li investigaw dan il-kaz peress illi jikkostitwixxi hearsay evidence fil-konfront tal-imputat peress illi l-pulizija ma tirrilaxxax informazzjoni li fuqha kienu hadmu.

"Ikkunsidrat:

"Hija ukoll prassi ta' dawn il-qrati illi jezentaw lill-ispettur u pulizija illi jizvelaw is-sorsi tal-informazzjoni taghhom. Sabiex il-gurati jkunu mqieghda fl-istorja l-prosekuturi jaghtu rendikont ta' kif imxiet l-investigazzjoni. F'dan ir-rendikont bilfors qeghdin jirrakkontaw xi haga illi huma saru jafu minghand haddiehor u peress illi l-pulizija m'humiex obbligati, lanqas b'ordni tal-Qorti, illi jizvelaw is-sorsi tal-informazzjoni taghhom din ix-xhieda dejjem giet accettata minn dawn il-qrati ghad illi l-persuni li jkunu msemmija fix-xhieda generalment ikunu mehtiega illi jaghtu d-depozizzjoni taghhom biex b'hekk jikkonfermaw dak illi jkunu qalu l-pulizija.

"Il-hames eccezzjoni titlob l-isfilz ta' dokumenti u speci ta' sentenzi fil-konfront ta' Burema Sidibe u Dozina Brayou stante li dawn huma irregolari u mhux skont il-ligi. Din il-Qorti tirrileva illi mhiex qieghda hawnhekk fi stadju tal-appell u ma tistax tidhol f'irregolaritajiet ta' sentenzi ohra moghtija minn qrati ohrajn. Tista' tikkonsidra biss eccezzjonijiet ghall-att ta' akkuza u din l-eccezzjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan l-att. Ghalhekk il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala irrelevanti u wkoll tichadha.

"Fis-sitt eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tal-istqarrijiet ta' Dazina Brayou u ta' Burema Sidibe. Dawn l-istqarrijiet huma parti mill-proces verbal maghmul regolarment u dan jista' jifforma prova fil-konfront tal-akkuzat u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni u thalli impregudikat il-proces verbal esebit.

"Fit-tmien eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tar-rapport ta' PS 612 Theo Vella a fol 259 peress illi dan ma kienx gie nominat mill-Qorti fl-atti tal-inkjesta. F'dan il-kaz, kwindi, din il-Qorti tordna illi PS 612 Theo Vella jaghti x-xhieda tieghu bhala xhud ordinarju izda ma jesprimix opinjoni li normalment dan huwa rizervat ghal espert mahtur mill-Qorti.

"Fl-ghaxar eccezzjoni l-akkuzat qieghed jitlob l-isfilz tar-rapport ta' Martin Bajada peress illi ma irrizultax mill-atti l-inkarigu illi huwa inghata. Din il-Qorti tirrileva illi Dottor Martin Bajada huwa espert tal-IT illi huwa regolarment appuntat minn din il-Qorti minhabba l-ispecjalizazzjoni illi ghandu fl-IT u telekomunikazzjoni. Huwa ben maghruf f'dan il-qasam u ghalhekk in-nomina tieghu hija wahda regolari. Jekk kienx awtorizzat illi jirrilaxxa d-

dokumentazzjoni illi giet moghtija lilu mir-rapprezentant tal-Vodafone, din hija xi haga li tista' tigi determinata fil-kors tal-guri peress illi tista' ssir ricerka dwar il-modalita` kif din id-dokumentazzjoni giet moghtija. U f'dan is-sens din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

"Fl-eccezzjoni numru hdax l-akkuzat qieghed jitlob ix-xhieda ta' xhud barrani Dazina Brayou tigi sfilzata il ghaliex id-Difiza ma ghamlitx il-kontro ezami tieghu. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal li jidher a fol 480 fejn l-Avukat Generali ghamel kwezit ghas-smiegh tax-xhieda tieghu u fis-seduta ta' wara l-avukat difensur ma deherx u ghalhekk il-Qorti baqghet ghaddejja. L-akkuzat donnu qed jippretendi illi f'dan il-kaz il-Qorti messha iddifferiet il-kawza ghal aktar tard jew gurnata ohra. Bir-rispett il-Qorti ma jidhrilhiex illi kien hemm bzonn illi jsir hekk. Il-Qorti ma kinitx moghtija informazzjoni fejn kien l-avukat difensur, jekk kienx qieghed il-Qorti u jitfacca aktar tard jew inkella addirittura ma kien xejn hemmhekk. Ghalhekk f'dan il-kaz ghamlet sew illi baqghet ghaddejja. Illum din il-persuna hija indikata bhala xhud u ghalhekk jekk tkun prezenti tista' tkun soggetta ghall-kontro ezami waqt il-guri. Fi kwalunkwe kaz dan ma jimpingix negattivament fuq ix-xhieda moghtija regolarment bil-gurament waqt il-kumpilazzjoni."

**6.** Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015 quddiem din il-Qorti saru numru ta' verbali mid-difiża u l-prosekuzzjoni li ssir referenza għalihom hekk kif jiġu kkunsidrati l-aggravji rispettivi.

**7. <u>L-ewwel aggravju</u>** jirrigwarda l-eċċezzjoni numru tnejn (2). L-appellant jgħid:

"Jidher li f'pagina 7 tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti *obiter* in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni accettat li tali *statements* ghandhom 'iservu ta' kontroll ghall-istess xhieda tal-persuni li jkunu ghamlu l-i*statement* originarjament". Madanakollu, fid-*decide,* 1-Onorabbli Qorti Kriminali ghaddiet sabiex cahdet din l-eccezzjoni.

"L-appellant jikkontendi li bid-*decide* kif inhija, 1-Avukat Generali ghandu mano ampja in kwantu kif jutilizza dawn l-i*statements*. Mano ampja li tmur direttament kontra l-kummenti *obiter* tal-istess sentenza appellata.

"L-eccezzjoni tal-appellant hija effettivament ibbazata fuq dak deciz minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-31 ta' Lulju 1990 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta Malta v. Francis sive Cikku Attard**."

**8.** Dwar dan l-aggravju sar is-segwenti verbal fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015:

**"Id-difiża u l-prosekuzzjoni jaqblu li d-dokumenti li għalihom hawn referenza fl-ewwel aggravju rigward l-eċċezzjoni numru 2 tad-difiża jistgħu jibqgħu fil-proċess għal finijiet ta' kontroll għax-xhieda li jiġu prodotti."**

**9.** Konsegwentement din il-Qorti sejra tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tordna illi l-i*statements* imsemmija fit-tieni eċċezzjoni, u cioe` ż-żewg *statements* ta' Adamo Agayoko datat 13 ta' Lulju 2010 mmarkat bħala dok NG9 u dak datat 14 ta' Lulju 2010 mmarkat bħala dok NG10, iż-żewġ *statements* ta' Abdulazizi Seven datati 13 ta' Lulju 2010 mmarkat bħala dok NG11 u dak datat 14 ta' Lulju 2010 markat bħala dok NG12 u l-i*statement* ta' Musa Sangare datat 14 ta' Lulju 2010 markat bhala dok 15, għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' kontroll ta' dawn ix-xhieda.

**10. <u>It-tieni aggravju</u>** jirrigwarda l-eċċezzjoni numru erbgħa (4) fejn l-appellant talab l-isfilz tax-xiehda ta' PS1098 Anthony Scerri, PS 165 Jason Gilson u l-Ispettur Nezren Grixti. Hawn l-appellant jissottometti:

> "Din l-eccezzjoni tittratta dwar dik il-parti tad-depozizzjoni tal-ispettur Nezren Grixti, PS1098 u PS 165 in kwantu ta' dak li ntqal lilhom a bazi ta' dak li saru jafu minghand haddiehor.
>
> "L-appellant jikkontendi li filwaqt li l-qrati jaghtu lok ta' certa *hearsay evidence*, dan jsehh biss jew meta tippermettieh il-ligi jew limitatament in kwantu l-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali ossia 1-ispettur investigattiv sabiex l-imhallfin togati jkunu jistghu jiehdu stampa ta' dak li kellhom quddiem ghajnejhom il-Pulizija *at investigation stage*. Meta dan isehh, ukoll ikun hemm *a stern warning* lill-gurati proprju fuq dan il-punt tal-*hearsay evidence rule*.
>
> "L-appellant jikkontendi li galadarba dawn it-tlett membri tal-Korp tal-Pulizija huma persuni bhal kulhadd, ma huwiex maghruf jekk humiex sejrin jiddeponu matul il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, minhabba ragunijiet kif ravvisati fil-Kodici Kriminali, ossia jew minhabba li jkunu msiefra jew minhabba xi mpediment iehor. Propju minhabba din l-eventwalita`, ossia jekk ikun il-kaz, li d-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda tinqara, din l-eccezzjoni kellha tintlaqa'.
>
> "Li qieghed jitlob l-esponenti huwa proprju sabiex dawk is-siltiet tad-depozizzjoni ta' dawn il-persuni, li kjarament tilliedi r-regola hawn imsemmija, effettivament, jitnehhew mit-*transcript*.
>
> "Di piu` ma ghandhiex din l-eccezzjoni tinftiehem f'dan l-istajdu li jekk dawn il-persuni, matul il-guri, jiddeponu ghandhom jithallew xorta wahda jghidu li jridu, stante li dak li jammonta ghal *hearsay evidence*, jibqa' *hearsay evidence*. Ghaldaqstant lanqas jekk jiddeponu ma ghandhom jithallew jixhdu tali affarijiet, stante li sabiex gustizzja ssir, trid mhux biss tidher li qieghda ssir, izda aktar minn hekk, trid issir skond il-ligi. Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tali depozizzjonijiet ma ghandhomx jigu accettati bhala legalment validi u ammissibbli.
>
> "Din l-eccezzjoni qieghda tingab il-quddiem stante li l-Qorti Kriminali [ppresjeduta mill-Imhallef Emeritus L. Quintano] fil-kawza fl-ismijiet 'Ir-

Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice',[1] kienet giet mitluba proprju sabiex dak li jammonta ghal *hearsay* ma jintqalx. Tant huwa hekk li l-istess Qorti Kriminali, mhux biss laqghet l-eccezzjoni numru hamsa sollevata, izda talli addirittura ordnat kif ghandha tintqal matul is-smiegh tal-guri.

"Ir-riskju li l-imhallfin tal-fatt, proprju ghaliex ma ghandhomx tahrig legali, ma jaghmlux distinzjoni bejn fatt ippruvat u fatt allegat, huwa riskju kbir wisq li ma ghandux jittiehed b'mod legger. Huwa riskju li fih innifsu hadd qatt ma jista' jkun jaf jekk avverax ruhu jew le f'mohh il-gurija popolari. Huwa proprju ghaldaqstant li tali depozizzjonijiet mibnija fuq xejn aktar hlief *hearsay* ma ghandhomx la jiffurmaw parti mill-korp tal-atti, u wisq anqas ma ghandhom jingabu 'l quddiem fil-proceduri."

**11.** Hawn si tratta ta' xiehda traskritta ta' l-imsemmijin tliet uffiċjali tal-Pulizija. Huwa mistenni illi t-tlieta li huma jixhdu waqt il-ġuri u għalhekk ma jkunx hemm il-ħtieġa li titqassam kopja tax-xiehda li taw quddiem il-Qorti Istruttorja. Effettivament dak li normalment jiġri huwa li waqt il-ġuri l-prosekutur u d-difensur ikunu jistgħu jagħmlu referenza għal xiehda li tkun ingħatat f'okkażjoni preċedenti, u dan għall-fini ta' kontroll. Xiehda preċedenti tinqara u tkun tista' titqassam f'każ li fl-okkażjoni li jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, **"ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab"**. Mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti, u lanqas ma kien ta' l-ewwel Qorti, li tagħmel *editing* tax-xiehda traskritta biex tagħmel tajjeb għal xi tali eventwalita`.

**12.** Dwar il-preokkupazzjoni ta' l-appellant li fix-xiehda ta' l-imsemmijin tliet uffiċjali hemm xiehda ta' x'intqal minn ħaddieħor (*hearsay evidence*) din il-Qorti sejra tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Angelus Vella et** mogħtija minnha (kif diversament komposta) fis-7 ta' Lulju 2015 rigward eċċezzjoni simili:

**"10. ... mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef**

[1] Deciza nhar l-10 ta Ottubru, 2011, Att ta' Akkuza Numru 60/2010.

**togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skond iċ-ċirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.**

**"11. Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk mhux unikament għall-għanijiet u fil-limiti permessi mil-liġi kif gia` spjegat. Mill-mod kif ippronunzjat ruħha l-ewwel Qorti dwar dawn l-eċċezzjonijiet din il-Qorti ma għandhiex raġuni taħseb li l-ewwel Qorti ma hix ser tikkonforma ruħha ma' dak li hi stess stabbiliet li hi l-pożizzjoni legalment korretta dwar xiehda ta' kliem ħaddieħor, liema pożizzjoni qed tiġi wkoll konfermata f'din is-sentenza.**

**"12. Mill-mod kif ġie spjegat l-aggravju tal-akkużati appellanti f'dan ir-rigward jidher li l-akkużati huma konsapevoli tal-pożizzjoni legali dwar il-*hearsay* kif spjegata kostantement mill-Qrati tagħna iżda dak li probabbilment qiegħed iħasseb lill-akkużati appellanti hu l-abbuż li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-*hearsay* peress li dak li jkun qal ħaddieħor jista' jiġi malizzjożament użat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed ħaddieħor jew sabiex jikkorrobora provi diretti oħra jintuża sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' ħaddieħor jew dawk il-provi diretti l-oħra.**

**"13. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi."**

**13.** Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa miċħud.

**14.** **<u>It-tielet aggravju</u>** jirrigwarda l-ħames eċċezzjoni fejn l-appellant talab l-isfilz ta' xi sentenzi mogħtija fil-konfront ta' terzi "stante li dawn huma irregolari u mhux skond il-ligi". Fir-rikors ta' appell tiegħu, pero`, l-appellant jagħmel sottomissjonijiet li jmorru lil hinn mill-eċċezzjoni tiegħu. Huwa jgħid:

"Is-sentenzi mertu ta din l-eccezzjoni, minghajr ma wiehed jidhol sabiex jara jekk humiex sentenzi skond id-dettami tal-Kodici Kriminali in kwantu li fihom l-elementi rikjesti sabiex jitqiesu legalment valida, huma inammissibli bhala prova stante illi gurija ma tistax tigi nfurmata bl-ezitu tal-proceduri mehuda kontra xhud, sia jekk gie liberat u sia jekk gie misjub hati. Il-gurija tigi biss infurmata li kontra dak ix-xhud effettivament ittiehdu proceduri. Dan jigri stante dak li jiddisponi l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali. Di piu` proprju sabiex mohh il-gurati ma jkunx mifni bil-piz tal-piena, la t-talba fl-Att ta' Akkuza u wisq anqas l-addebitu tar-recidiva ma jinghataw lill-gurija, proprju sabiex l-akkuzat ma jkunx impingi b'xi mod negattiv u dan b'riskju li l-principju tal-presunzjoni tal-innocenza ma jigi miftiefes.

"Fil-kaz odjern, dawn id-dokumenti huma inammissibli stante li ma jaghmlu l-ebda stat ta' fatt kontra l-appellant akkuzat u wisq anqas ma jistghu jingabu 1-quddiem bhala prova kontra tieghu.

"Dan l-aggravju ghandu jinqara u jittiehed ukoll fl-istond tal-aggravji in konnessjoni mat-tieni eccezzjoni migjub hawn aktar il-fuq."

**15.** Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015 sar is-segwenti verbal:

**"Il-prosekuzzjoni u d-difiża jaqblu li s-sentenzi li għalihom hemm referenza fl-aggravju numru 3, b' referenza għal eċċezzjoni numru 5, jaqblu li s-sentenzi ma humiex inklużi bhala prova kontra l-akkuzat izda biss in kwantu jiffurmaw parti mill-proces verbal."**

**16.** Id-difiża, pero`, żiedet is-segwenti verbal:

**"Id-difiża iddikjarat li mal-verbal li sar dwar it-tielet aggravju illi fl-eventwalita` li jsir użu kif ingħad fil-verbal imsemmi tas-sentenzi hemm imsemmija, id-difiża tinsisti li l-eżitu tal-proċeduri nvoluti fl-istess sentenzi ma għandux jiġi żvelat lill-ġurati."**

**17.** Is-sottomissjonijiet li saru mill-appellant permezz tat-tielet aggravju, anke jekk sar tentattiv biex issir konnessjoni mat-tieni eċċezzjoni, m'għandhom l-ebda bażi fil-ħames eċċezzjoni. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti mhijiex se tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet aggravju.

**18.** **Ir-raba' aggravju** jirrigwarda s-sitt eċċezzjoni li permezz tagħha l-appellant qiegħed jitlob l-isfilz ta' l-*istatements* ta' Dasina Brayou u ta' Burema Sidibe.

**19.** Dwar dan l-aggravju, sar is-segwenti verbal fis-seduta msemmija:

"**Il-partijiet jaqblu li dak li ghadu kemm inghad dwar ir-raba' aggravju jaqblu li l-materja sollevata fis-sitt eċċezzjoni tal-akkużat għandha tiġi regolata mill-Qorti Kriminali fil-kors tal-ġuri.**"

**20.** Kwindi hawn ukoll din il-Qorti mhijiex se tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' aggravju.

**21. Il-ħames aggravju** jirrigwarda t-tmien eċċezzjoni fejn l-appellant talab l-isfilz tar-rapport ta' PS612 Theo Vella. Permezz ta' verbal tal-5 ta' Novembru 2015 l-appellant irtira dan l-aggravju.

**22.** Għalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-ħames aggravju.

**23. Is-sitt aggravju** jirrigwarda l-għaxar eċċezzjoni fejn l-appellant talab l-isfilz tar-rapport ta' Martin Bajada. Fil-kors tat-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni d-difiza ddikjarat li qed tirtira s-sitt aggravju tagħha.

**24.** Konsegwentement din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt aggravju wkoll.

**25. Is-seba' aggravju** jirrigwarda l-ħdax-il eċċezzjoni fejn l-appellant talab li tiġi sfilzata x-xiehda ta' Dasina Brayou. L-appellant jgħid:

"Filwaqt li huwa minnu li jekk ix-xhud indikat, matul is-smiegh tal-guri jiddeponi, fejn allura jkun soggett ghal kontro-ezami, bir-rispett, fl-eventwalita` li matul is-smiegh tal-guri ma jitfaccjax, hemmhekk tqum il-problema legali kollha.

"Il-Qorti Istruttorja hija munita bil-poteri li trid il-ligi proprju sabiex jigu mharsa d-drittijiet tal-partijiet in kwantu gbir ta' evidenza skond il-ligi, fl-ahjar interess tar-ricerka tal-verita`, b'dana pero` li l-ebda parti ma tigi pregudikata b'xi mod jew iehor.

"Fil-kaz odjern, id-difiza talbet specifikatament sabiex isir il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud. Huwa minnu li d-difiza naqset milli tidher fil-jum u hin indikat, pero` ma ghandux l-appellant akkuzat, ibati minn pregudizzju minhabba 'nuqqas' tad-difensur tieghu.

"Tenut kont tal-fatt li l-procedura penali nostrana tirrikjedi procedura akkuzatorja u mhux inkwizitorja, tenut kont tal-principju ta 'equality of arms', in-nuqqas ta' possibilita` ta' kontro-ezami fil-prattika, ta' dan ix-xhud, fl-eventwalita` li din il-persuna ma tigix tixhed matul is-smiegh tal-guri, sejra tohloq vjolazzjoni tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem vis-a-vis l-appellant.

> “Ai fini ta’ speditezza u sabiex ma jkunx hemm dilungar fit-tul fuq dan il-punt, dina l-Onorabbli Qorti hija mistiedna li tara s-sentenza fi-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta v. Edwin Bartolo” deciza nhar id-19 ta Awissu 1996, Att ta’ Akkuza numru 21/85.”

**26.** Fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2015 din il-Qorti stiednet lill-prosekuzzjoni sabiex permezz ta’ nota tinformaha sal-15 ta’ Jannar 2016 jekk hemmx possibilita` li x-xhud Dasina Brayou jinġieb bħala xhud fil-ġuri. B’nota tat-23 ta’ Novembru 2015 l-Avukat Ġenerali nforma lil din il-Qorti illi Dasina Brayou jinstab Malta u l-uffiċjal investigattiv ikkonferma illi din il-persuna jisimha Lassana Bagayogo li għandu estensjoni mill-immigrazzjoni valida sa Frar 2016 u liema estensjoni tista’ tingħata ulterjorment għall-iskop tax-xiehda tiegħu matul il-ġuri.

**27.** Kemm-il darba dan ix-xhud jitla’ jixhed, tkun tista’ ssir il-kontro-eżami. Jekk għal xi raġuni kif indikat fil-paragrafu ħdax *supra* ix-xhud ma jidhirx, ix-xiehda li hu ta b’mod regolari fl-Istruttorja tista’ tinqara.

**28.** Jirriżulta illi Dasina Brayou xehed fit-28 ta’ Lulju 2010 u dakinhar saritlu kontro-eżami. Ma saret l-ebda talba biex tiġi riservata kontro-eżami ulterjuri. Fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2011 id-difiża talbet li għas-seduta sussegwenti jiġu nġunti bħala xhieda in kontro-eżami “dawk ix-xhieda barranin immigranti li diġa` taw id-deposizzjoni tagħhom”. Il-prosekuzzjoni vverbalizżat li “dawn diġa` xehdu u ngħataw iċ-ċans li jsirilhom il-kontro-eżamijiet mid-difiża u dakinhar ġie riservat”. Kif ingħad, pero`, ma kien hemm l-ebda tali riserva fil-każ ta’ Dasina Brayou. Ir-riserva saret fir-rigward ta’ Burema Bidibe. Fi kwalunkwe każ fir-rinviju tat-18 ta’ Novembru 2011 l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti Istruttorja tisma’ x-xhieda mitluba mid-difiża, u hekk reġa’ sar fir-rinviji tad-29 ta’ Diċembru 2011, tat-23 ta’ Frar 2012 u tas-17 ta’ April 2012. Għas-seduta tas-17 ta’ Mejju 2012 ix-xhieda ġew prodotti iżda d-difiża ma setgħetx tkun preżenti (għalkemm il-verbal jgħid li: “Dehru l-imputati assistiti.”). Wara rinviju tat-22 ta’ Ġunju 2012 saret seduta fit-28 ta’ Ġunju 2012 mnejn jirriżulta dan il-verbal: “Ix-xhud Bureme Sidibe, rikjest in kontro-eżami, imsejjaħ tliet darbiet ma deherx. Għaldaqstant il-Qorti tiddifferixxi l-kawża għat-12 ta’ Lulju 2012 fl-10.00 a.m.” Evidentement dan si tratta ta’ l-istess xhud indikat qabel bħala Burema Bidibe (fil-lista tax-xhieda annessa ma’ l-Att ta’ Akkuża huwa ndikat bħala Burema Sidibe). Pero` s-sinifikat ta’ dan il-verbal, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu wkoll illi l-uniku xhud rikjest kien fil-fatt dan Sidibe. Difatti wara żewġ rinviji sussegwenti, Burema Sidibe xehed fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2012 u ma saritx talba biex jiġi prodott ħaddieħor.

**29.** Għalhekk is-seba’ aggravju hu miċħud.

**30.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' Angelo Bilocca billi, għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tordna li l-*statements* ta' Adamo Agayoko, Abdulazizi Seven u Musa Sangare għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' kontroll ta' dawn ix-xhieda, tiċħad it-tieni aggravju, għal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba' aggravji tirreferi għall-verbali konġunti tal-prosekuzzjoni u d-difiża u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawk l-aggravji, tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames u s-sitt aggravji li ġew irtirati, tiċħad is-seba' aggravju u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-appellant.